**27 ta' April, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D.**

Carmelo Said u b'digriet tas-6 ta' April 1984, Carmelo Said assuma l-atti tal-kawża *stante* l-mewt ta' *missieru Carmelo* Said

*versus*

Antonia Azzopardi, *mart* Antonio Azzopardi, u l-istess Antonio Azzopardi *bħala* kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti ma' l-imsemmija martu u għal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tas-6 ta' April 1984 ġie kkjamat in kawża Vincent Said

**Vitalizju – Rinunzja – Maħfra**

*Il-partijiet u l-awturi tagħhom kienu kkostitwew vitalizju bħala korrispettiv għal trasferiment ta' artijiet. L-attur fittex għall-ħlasijiet tal-vitalizju.*

*Il-Qorti sabet illi l-attur kien irrinunzja u ħafer għall-arretrati ta' vitalizju qabel ma kien interpella lill-konvenut u kkundannat lill-konvenut iħallas biss l-arretrati għal dak il-perijodu.*

Il-Qorti: -

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'kuntratt tat-12 ta' Settembru 1958 fl-atti tan-Nutar Sammy Abela, li kopja uffiċjali tiegħu jinsab hawn anness *"animo ritirandi"* u qiegħda tiġi mmarkata bħala dokument A, l-attur flimkien ma' martu Antonia Said (illum mejta) assenja u ttrasferixxa lill-konvenuta, bl-assistenza ta' l-imsemmi żewġha l-konvenut, ħdax-il porzjon diviża mill-art magħrufa bħala "Ġnien Cajjin" flimkien ma porzjon mill-art imsejħa "Tas-Sellum", it-tnejn fil-kuntrada "Tas-Salib" fil-limiti tar-Rabat, Malta;

Premess illi l-imsemmija assenjazzjoni saret "bil-korrispettiv ta' vitalizzju ta' għoxrin lira fis-sena dekorribbli mill-15 ta' Awissu 1958 pagabbli kull Santa Maria b'lura u dana matul il-ħajja kollha ta' Carmelo u Antonia Said jiġifieri sal-mewt tas-superstiti fosthom" u dana ġie kollu aċċettat mill-konvenuta;

Premess illi l-imsemmija Antonia Said mietet fl-4 ta' Novembru 1971 u għalhekk is-superstiti fuq imsemmi huwa l-attur;

Premess illi mal-mewt ta' l-imsemmija Antonio Said il-konvenuti naqsu milli jkomplu jħallsu l-vitalizju msemmi ta' għoxrin lira (Lm20) fis-sena;

Peress illi l-konvenuti huma għalhekk debituri lejn l-attur fl-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200), liema ammont huwa dovut minnhom bir-rata annwali ta' għoxrin lira (Lm20) minn Santa Marija tas-sena ta' l-1972 sa Santa Marija tas-sena 1981; u

Billi l-konvenuti, interpellati sabiex iħallsu l-imsemmi ammont, baqgħu inadempjenti, għalkemm obbligaw irwieħhom li jħallsu anki permezz tal-konsulent legali tagħhom;

Talab l-attur lil din il-Qorti:

1) Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltija (lm200) dovut kif fuq ingħad, jew xi ammont ieħor verjuri li jirriżulta bħala dovut waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2) Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji u uffiċjali, iddatati rispettivament it-30 ta' Lulju u l-10 ta' Awissu 1981, u bl-imgħaxijiet relattivi dovuti mill-15 ta' Awissu 1972 fuq l-ammonti dovuti kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn eċċepew illi:

1) L-ammont pretiż mill-attur mhux dovut in kwantu hu stess quddiem ix-xhieda kien irrinunzja għall-ammont ta' Lm20 fis-sena kemm mingħand l-eċċipjenti kif ukoll mingħand ibnu l-ieħor Carmelo Said u dana peress illi hu kien qiegħed jirċievi

assistenza mingħand il-Gvern;

2) Illi mhux minnu li l-konsulent legali ta' l-eċċipjent qatt ipprometta li dan l-ammont ser jitħallas. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda tagħhom;

Rat ukoll id-digriet tagħha tas-6 ta' April 1984 li permezz tiegħu iben l-attur Carmelo Said assuma l-atti billi l-attur (l-istess isem) miet fil-mori tal-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Vincent Said;

1) Li huwa m'għandu jagħti xejn peress li ma kellux x'jaqsam mal-kuntratt tat-12 ta' Settembru 1958 bejn Antonia Azzopardi u l-ġenituri tagħha, u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-ġudizzju;

2) Illi Vincent Said lanqas biss kien jaf bil-kawża odjerna u f'kull każ bħala l-werriet ta' Carmelo Said huwa għandu jirċievi mingħand Antonia Azzopardi u mhux jagħti magħha, u għalhekk fl-ebda każ m'għandu jbati spejjeż ta' din il-kawża;

3) Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamat in kawża u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti u digrieti mogħtija;

Semgħet lix-xhieda prodotta;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża;

Ittrattat eżawrjentement il-kawża mill-abili difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat illi bħala fatti hu paċifiku li permezz ta' att *iddatat it-12 ta' Settembru 1958 in atti tan-Nutar Sammy Abela* ġie maħluq vitalizju b'seħħ mill-15 ta' Awissu 1958 bis-sena b'lura ta' Lm20 *per annum* tul il-ħajja kollha ta' Carmelo u Antonia, konjugi Said. L-imsemmija Antonia Said mietet fl-4 ta' Novembru 1971. Mid-data tal-mewt tagħha l-konvenuti Antonia Azzopardi, assistita minn żewġa Antonio, ma baqgħux iħallsu iżjed sehemhom lill-missier li baqa' ħaj. Dan missierhom li jismu Carmelo Said, istitwixxa kawża li fiha talab il-ħlas ta' dan il-vitalizju ekwivalenti għall-perijodu ta' għaxar snin jiġifieri għaż-żmien mill-15 ta' Awissu 1972 sal-15 ta' Awissu 1981 – *iċ-ċitazzjoni, di fatti ġiet* ippreżentata fit-12 ta' Novembru 1981. L-imsemmi Carmelo Said miet mingħajr ma laħaq xehed fit-18 ta' Jannar 1981, però d-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni tinsab ġuramentata skond il-liġi. Skond it-testment *unica charta* ta' l-istess Carmelo Said (Dok. B) iddatat 4 ta' Ġunju 1963 in atti tan-Nutar Dottor Salvatore Abela, ġew imħollija bħala uniċi eredi proprjetarji assoluti lit-tliet uliedhom f'porzjonijiet indaqs bejniethom u liema tfal huma l-odjern Carmelo Said, il-konvenuta Antonia mart Antonio u l-kjamat in kawża Vincenzo Said;

Mela mis-suespost jidher mill-ewwel *illi se mai* l-attur odjern jekk jirnexxi fl-azzjoni tiegħu ma jkunx intitolat illi jieħu aktar minn terz (⅓) tas-somma mitluba. Għandu jidher ukoll illi d-

dħul fil-kawża ta' Vincenzo Said huwa superfluwu f'dina l-kawża billi dan ma jista' qatt jiġi mitlub minnu mill-ko-eredi l-ieħor li jħallas xi flus li allegatament huma dovuti lill-eredità mill-konvenuta Antonia Azzopardi kif assistita;

Il-konvenuta Antonia Azzopardi u x-xhieda minnha prodotti lkoll xehdu fis-sens li l-awtur ta' l-odjerni attur, jiġifieri missierha kien iddeċida li ma jibqax jieħu l-ħlas tal-vitalizju la mingħandha u lanqas mingħand ħuha Carmelo, odjern attur. Wara illi fliet sew ix-xhieda, il-Qorti jidhrilha li għandu jirriżulta li effettivament huwa minnu li l-attur kien ħafer u ma esiġiex iżjed tali ħlas però **verbalment**. Dana mhux biss joħroġ mix-xiehda mogħtija iżda wkoll minn fatti oħra li setgħet tinnota l-Qorti bħal, ngħidu aħna, il-mod titubanti kif iddispona l-attur biex jasal biex jgħid illi anki fil-każ tiegħu l-missier ma baqax aktar irid il-ħlas. Ma baqax jiftakar minn meta missieru ħafirlu dan il-ħlas. Lanqas kien ċert jekk il-ktieb tar-riċevuti tal-ħlasijiet li laħaq għamel baqax għandu jew le. Huwa ħass li baqa' jħallas xorta waħda lil missieru *per via* ta' serviġi. Mistoqsi jekk setax kien (ara kontro eżami a fol. 94 – it-tielet paragrafu) li missieru ħafer il-flus li kellhom jingħataw minn oħtu, huwa rrisponda li ma kienx jaf, u mbagħad argumentata illi li kieku ħafirhomlha ma kienx jippretendi li jħarrikha għaliha. Fil-fatt il-ktieb tar-riċevuti spiċċa biex ġie esebit mill-attur wara insistenza da parti tal-konvenuta. Dana juri li Carmel Said, l-attur **waqaf** iħallas ukoll fil-15 ta' Awissu 1971 – u ċjoè fl-istess epoka li l-konvenuta qiegħda wkoll tgħid li missierha ma riedx aktar ħlas mingħandha;

Aspett ieħor ta' min jirrileva hu li għalkemm l-aħħar ħlas li tiegħu ntalab ħlas kien riferibbli għall-15 ta' Awissu 1981 – l-ewwel ittra interpellatorja msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni mibgħuta mill-attur oriġinali hija ddatata 30 ta' Lulju 1981. Hu

tassew stramb li l-attur oriġinali qagħad jistenna l-perkors ta' għaxar snin biex jitlob il-ħlas;

*Il-konvenuta ressqet ukoll provi biex turi illi fuq kollox* missierha kien mentalment dgħajjef u kien taħt l-influwenza totali ta' ħuha Carmelo u kienet għal dina r-raġuni li saret il-kawża – *mill-provi mressqa dan il-fatt ma ġiex ippruvat* sodisfaċentement;

Wara li eżaminat il-provi kollha, il-Qorti hija tal-fehma li kull ma seta' jitlob l-attur oriġinali kien il-ħlas tal-vitalizju relattiv għall-iskadenza tal-15 ta' Awissu 1981 u li dwarha kien hemm talba permezz ta' ittra legali u ittra uffiċjali **minn qabel** *ma* skadiet. Dwar il-ħlasijiet anteċedenti, dawn jirriżultaw li ġew maħfurin – kif, wara kollox, kellu kull dritt li jagħmel minn min kienu dovuti. Għalhekk *ifisser illi mit*-talba attriċi tibqa' dovuta biss is-somma ta' Lm6.66ċ6m u xejn iżjed;

Dwar il-kap *ta' l-ispejjeż, in vista* tas-suespost, il-Qorti jidhrilha li d-drittijiet u l-ispejjeż relattivi għall-kjamat in kawża għandhom ikunu a kariku unikament ta' l-attur u l-Qorti *tiddikjara* lill-imsemmi kjamat in kawża bħala lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dwar il-bqija ta' l-ispejjeż il-Qorti hija tal-fehma li dawn għandhom jiġu ssopportati kwantu għal erba kwinti ($^4/_5$) a kariku ta' l-attur u kwinta parti ($^1/_5$) mill-konvenuta Antonia Azzopardi;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-kjamat *in kawża u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju*, tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament però għall-ammont ta' sitt liri sitta u sittin ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm6.66,6) li għandhom jitħallsu mill-konvenuta lill-attur per saldu tal-pretensjoni attriċi.

Il-kap ta' l-ispejjeż, barra dawk relattivi għall-kjamat in kawża, jitħallsu kif fuq ingħad u ċjoè: erba' kwinti ($^4/_5$) mill-attur u kwint ($^1/_5$) mill-konvenuta.